MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2177/2002

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Filippa sive Phyllis Debono u l-istess Filippa sive Phyllis Debono**

**vs**

**Anguel Nikolaev Tatchev**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fl-10 ta' Settembru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mija u tnax-il lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm112.75) risarciment ta' danni in kwantu ghal sebgha u tmenin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm87.75) lis-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited noe u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lil Filippa sive Phyllis Debono, minnhom**

**sborsati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara Tas-Sliema, fit-22 ta' Jannar, 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru. BOB-090 habat mal-vettura Nru. AAU-368, propjeta' ta' Filippa sive Phyllis Debono u misjuqa minnha, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza, u inosservanza tar-regolamenti.**

**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Lulju, 2002, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali b'effett mis-26 ta' Lulju, 2002 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Mark Mifsud Cutajar ghas-socjeta' attrici li kkonferma l-kontenut ta' l-avviz. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li sehhet u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u tmenin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm87.75), u lill-attrici Filippa sive Phyllis Debono is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), bl-imghaxijiet legali fuq l-ammonti imsemmija mis-26 ta' Lulju, 2002 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Lulju, 2002, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mat-talba ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------